

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 103/2017****tal-5 ta' Mejju 2017****li temenda l-Protokoll 47 (dwar it-tneħħija tal-ostakoliteknici għall-kummerċ tal-inbid) tal-Ftehim ŻEE [2019/215]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2147 tas-7 ta' Diċembru 2016 li jawtorizza żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2016 f'ċerti reġjuni ta' vitikultura tal-Ġermanja u fir-reġjuni ta' vitikultura kollha tal-Ungerija ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda l-leġiżlazzjoni dwar l-inbid. Il-leġiżlazzjoni dwar l-inbid ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fis-seba' paragrafu tal-introduzzjoni tal-Protokoll 47 tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) Il-Protokoll 47 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiżdiedu wara l-punt 14 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2014) tal-Appendiċi I tal-Protokoll 47 tal-Ftehim ŻEE:

"15. **32016 R 2147**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2147 tas-7 ta' Diċembru 2016 li jawtorizza żieda tal-limiti għall-arrikkiment tal-inbid prodott mill-għeneb maħsud fl-2016 f'ċerti reġjuni ta' vitikultura tal-Ġermanja u fir-reġjuni ta' vitikultura kollha tal-Ungerija (ĠU L 333, 8.12.2016, p. 30)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2147 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Mejju 2017, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2017.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

⁽¹⁾ ĠU L 333, 8.12.2016, p. 30.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.